32005D0380

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' April 2005

li tistabbilixxi grupp ta' esperti mhux governattivi dwar it-tmexxija tal-kumpaniji u l-liġi dwar il-kumpaniji

(2005/380/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) Il-Pjan ta' l-Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Liġi dwar il-Kumpaniji u t-Titjieb tat-Tmexxija tal-Kumpaniji fl-Unjoni Ewropea [1] adottat f'Mejju 2003, identifika serje ta' azzjonijiet meħtieġa biex jiġi modernizzat, kompletat u ssimplifikat il-kwadru regolatorju għall-liġi dwar il-kumpaniji u t-tmexxija tal-kumpaniji,

(2) Dak il-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi l-importanza ta' konsultazzjoni esperta u pubblika bħala parti integrali ta' l-iżvilupp tal-liġijiet tal-kumpaniji u t-tmexxija tal-kumpaniji fil-livell tal-Komunità,

(3) Il-grupp ta' l-esperti mhux governattivi fuq it-tmexxija tal-kumpaniji għandu għalhekk ikun stabbilit biex iservi bħala korp ta' riflessjoni, dibattitu u konsultazzjoni lill-Kummissjoni fil-qasam tat-tmexxija tal-kumpaniji, b'mod partikolari in konnessjoni mal-miżuri maħsuba fil-Pjan ta' l-Azzjoni; huwa għalhekk xieraq li jiġi pprovdut għall-preżenza f'dan il-grupp ta' persuni ikkwalifikati sew, attivi fin-negozju u l-komunitajiet akkademiċi jew fis-soċjetà ċivili, li kapaċi jġibu l-għerf speċifiku tagħhom tat-tmexxija tal-kumpaniji u l-liġi tal-kumpaniji fil-livell tal-Komunità,

(4) Il-grupp ta' esperti mhux governattivi dwar it-tmexxija tal-kumpaniji u l-liġi tal-kumpaniji għandu jfassal ir-regoli tal-proċedura tiegħu u jirrispetta b'mod sħiħ ir-rwol u l-prerogattivi ta' l-istituzzjonijiet,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-grupp ta' esperti mhux governattivi dwar it-tmexxija tal-kumpaniji u l-liġi tal-kumpaniji fil-komunità (minnhawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp") hu stabbilit.

Artikolu 2

Ir-rwol ta' dan il-Grupp għandu jkun li jipprovdi konsultazzjoni teknika lill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tmexxija tal-kumpaniji u l-liġi tal-kumpaniji fuq talba tal-Kummissjoni. Il-President tal-Grupp jista' jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkonsulta l-Grupp fuq kwalunkwe suġġett relatat.

Artikolu 3

Il-Grupp għandu jikkonsisti f'massimu ta' 20 membru, mill-komunitajiet tan-negozju u ta' l-akkademika jew is-soċjetà ċivili, li l-esperjenza u l-kompetenza tagħhom fir-rigward tat-tmexxija tal-kumpaniji u kwistjonijiet ta' liġi tal-kumpaniji huma rikonoxxuti sew fil-livell tal-Komunità. Il-membri tal-Grupp għandhom jinħatru mill-Kummissjoni. Il-ħatra għandha tkun fil-kapaċità personali tagħhom. Membri tal-Grupp għandhom jipprovdu konsulenza lill-Kummissjoni indipendentament minn kwalunkwe struzzjoni li ġejja minn barra.

Il-lista tal-membri hi riprodotta fl-anness.

Artikolu 4

Il-mandat tal-membri tal-Grupp għandu jkun ta' tliet snin. Dan ikun jista' jiġġedded. Wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet snin, il-membri tal-Grupp għandhom jibqgħu fil-ħatra sakemm jiġu mibdula jew il-kariga tagħhom tiġi mġedda. Fl-eventwalità ta' riżenja jew mewt tal-membri tal-Grupp matul il-perijodu tal-ħatra il-Kummissjoni għandha taħtar membru ġdid tal-Grupp b'mod konformi ma' Artikolu 3.

[1] COM(2003) 284 finali.

Artikolu 5

Il-lista tal-membri għandha tkun ippubblikata mill-Kummisjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Il-Grupp għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-Grupp, fi ftehim mal-Kummissjoni, jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jistudjaw suġġetti speċifiċi fuq il-bażi tal-mandat. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu xolti jekk il-mandati tagħhom jitwettqu.

Il-Kummissjoni tista' tistieden esperti u osservaturi b'għerf speċifiku biex jipparteċipaw fix-xogħol tal-Grupp u/jew tal-gruppi ta' ħidma.

Artikolu 7

Il-Grupp u l-gruppi ta' ħidma għandhom normalment jiltaqgħu fil-kwartieri tal-Kummissjoni, fil-forma u skond l-iskeda determinata mill-Kummissjoni.

Il-Grupp għandu jadotta r-regoli tal-proċedura fuq il-bażi ta' abbozz ippreżentat mill-Kummissjoni.

Is-Segretarjat tal-Grupp għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni. Membri ta' l-istaff interessati mill-Kummissjoni jistgħu jkunu preżenti għal-laqgħat tal-Grupp u l-gruppi ta' ħidma u jistgħu jieħdu parti fid-dibattiti.

Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet, fil-lingwa oriġinali tad-dokument konċernat, kwalunkwe konklużjoni, taqsira, konklużjoni mhux kompleta u karta ta' ħidma li għandha x'taqsam mal-Gruppp jew il-gruppi ta' ħidma tiegħu.

Artikolu 8

Spejjeż ta' vjaġġar u manteniment li jsiru mill-membri, osservaturi u esperti, flimkien ma' l-attivitajiet tal-Grupp, għandhom ikunu mħallsa lura mill-Kummissjoni b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni. Il-funzjonijiet tagħhom m'għandhomx ikunu mħallsa.

Artikolu 9

Din id-deċiżjoni għandha tapplika sas-27 ta' April 2008.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

LISTA TAL-MEMBRI

Gintautas BARTKUS

Theodor BAUMS

Francesco CHIAPPETTA

Thomas COURTNEY

Jean-Pierre HELLEBUYCK

Erich KANDLER

Mrs Vanessa KNAPP

Vratislav KULHÁNEK

Jukka MÄHÖNEN

Stilpon NESTOR

Jesper Bo NIELSEN

Jósef OKOLSKI

Leonardo PEKLAR

Colin PERRY

Enrique PIÑEL LÓPEZ

Geert RAAIJMAKERS

Mrs Joëlle SIMON

Mario STELLA-RICHTER

Mrs Daniela WEBER-REY

Patrick ZURSTRASSEN